MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF
DAVID SCICLUNA**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2006

Appell Kriminali Numru. 195/2005

**Il - Pulizija**

**v.**

**John Tanti**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra John Tanti talli fis-27 ta' Novembru 2004, ghall-habta ta' 00:27 hrs. bhala l-persuna li f'ismu ghandu l-licenzja tal-hanut ta' l-inbid, birra w xorb spirituz bl-isem ta' Going Places, li jinsab gewwa Triq Ball, San Giljan, ippermetta tfal taht is-sittax (16) il-sena biex jidhlu fil-post imsemmi;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal -Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-16 ta' Gunju 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi John Tanti hati ta' l-

imputazzjoni dedotta kontra tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta' mitt liri Maltin (Lm100);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi John Tanti pprezentat fis-17 ta’ Gunju 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata u b’hekk ma ssibux hati ta’ l-imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tilliberah minn kull imputazzjoni w htija;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa fis-sens li f’dan il-kaz hemm nuqqas ta’ provi, nuqqas ta’ l-ahjar prova u, fl-aghar ipotesi, kundanna fuq xiehda li ghandha titqies bhala *detto del detto*. Huwa jsostni li ladarba l-pulizija li xehed ma kienx hu li ha d-dettalji tat-tfajliet u li ccertifika li kellhom inqas minn sittax-il sena ghax ra hu stess il-karta tal-identita` taghhom, certament ma setax dan il-pulizija u uniku xhud li resqet il-prosekuzzjoni jiehu gurament u jghid l-eta` ta’ dawk iz-zewg tfajliet x’kienet. Il-Pulizija kellhom l-opportunita` li jipproducu bhala xhieda lil dawn iz-zewg tfajliet u l-pulizija li hadilhom il-partikolaritajiet li kienu jikkostitwixxu l-ahjar provi tal-prosekuzzjoni. Ladarba l-Pulizija ghazlet li dan ma taghmlux u minflok tipproduci biss lil P.C. 468, fuq il-prova unika ta’ dan ix-xhud li ma hija xejn hlief *hearsay evidence*, u fin-nuqqas ta’ ammisjoni da parti ta’ l-appellant, l-Ewwel Qorti qatt ma kellha ssib il-htija fuq dik l-unika prova.

Din il-Qorti tghid mill-ewwel li l-appellant ghandu ragun. Fic-citazzjoni l-prosekuzzjoni elenkat bhala xhieda taghha lill-Ispettur C. Abdilla, lil P.C. 463, lil P.C. 468, lil Deandra Portelli u lil Anabelle Portelli. Minn dawn ix-xhieda kollha gie prodott biss biex jixhed quddiem l-Ewwel Qorti P.C. 468 u a bazi tax-xiehda tieghu dik il-Qorti sabet lill-appellant hati ta’ l-imputazzjoni dedotta.

Quddiem din il-Qorti P.C. 468 Lennox Vella xehed mill-gdid. Hu qal li fis-17 ta' Novembru 2004 kien qieghed jaghmel spezzjoni flimkien ma' l-Ispettur Abdilla u ex-P.C. 463 fil-hanut "Going Places" f'Paceville fejn "sibna zewg persuni li kienu taht is-sittax-il sena. Kienu gol-hanut, ghajjatnilhom barra, ikkonfermajna l-particulars, ghal bidu tawhomlna hziena, il-particulars kienu tajbin, l-ID card number l-ahhar zewg digits kienu hziena, biex jigu aktar minn sittax. Meta ccekkjajnihom sibna li kienu 13 u 14. Imbaghad qalulna li iva veru li kienu taht l-eta`, ma baqghux jinsistu."

In kontro-ezami pero`, irrizulta li l-partikolaritajiet ta' dawn iz-zewg tfajliet kien hadhom P.C. 463 u li kien P.C. 463 li kien iccekkja tali partikolaritajiet ma' l-ghassa. Ix-xhud ma ccekkja xejn. Il-fatt li dawn iz-zewg tfajliet setghu "ammettew" l-eta` taghhom quddiem ix-xhud mhijiex prova li fuqha tista' tinsab il-htija ta' l-appellant. Il-prosekuzzjoni setghet tipproduci quddiem l-Ewwel Qorti lill-imsemmijin zewg tfajliet sabiex jixhdu, setghet ipproduciet lil P.C. 463 biex jixhed dwar il-verifiki li ghamel u setghet tipproduci kopji tal-karti ta' l-identita` ta' dawn it-tfajliet. Minn dan ma ghamlet xejn izda strahet biss fuq ix-xiehda ta' pulizija li dak li kien jaf kien biss dak li rreferielu hadd iehor.

Konsegwentement l-appell jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta' l-imputazzjoni dedotta u tilliberah minn kull htija.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------